MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2012

Talba Numru. 843/2011

**Mobisle Communications Limited**
**C 24655**

**vs**

**Unibuild Co. Ltd.**
**C 19011**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet lis-socjeta’ konvenuta thallas lill-istess socjeta’ attrici s-somma ta’ tmien mija sitta u tletin Ewro u hamsa u tletin centezmu (€836.35), liema amont huwa dovut in konnessjoni mas-servizz/i ta’ komunikazzjoni numru tal-kont *A/C50194887* moghtija mis-socjeta’ attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza.

Illi s-socjeta’ konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali mibghuta ai termini tal-Art. 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta datata 3 ta’ Frar, 2011 u bl-imghaxijiet legali mid-data ta’ l-istess ittra ufficjali kontra s-socjeta’ konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta’ konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher rapprezentant taghha ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li s-socjeta’ konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tmien mija sitta u tletin Ewro u hamsa u tletin centezmu (€836.35), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tas-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------